MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1032/2003

**Richard Micallef**

**vs**

**Rachel Sherif**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u zewg centezmi (Lm435.02) rappresentanti kwantu ghal Lm260 bhala l-bilanc ta' arretrati ta' kera ghall-perijodu bejn it-30 ta' Dicembru 2002 sad-29 ta' April 2003; u kwantu ghal Lm175.02 bhala bilanc tal-kont tas-servizzi tad-dawl u ilma fl-istess fond mikri lill-konvenuta u cioe' Flat 2, 7, Archidea, Carmen Mallia Road, San Gwann.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tal-5 ta' Marzu 2003 u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-5 ta' Marzu 2003 sal-

pagament effettiv kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Ra d-digriet tad-19 ta' Settembru 2003, fejn l-konvenuta giet awtorizzata tipprezenta r-risposta taghha fi zmien hmistax-il gurnata.

Ra illi l-konvenuta naqqset li taghmel dan fit-terminu moghti.

Ra illi l-konvenuta ingunta in  subizzjoni, irrifjutat illi tixhed fl-assenza tad-difensur taghha.

Ra id-digriet tal-21 ta' Novembru 2003, fejn l-konevnuta regghet giet moghtija l-opportunita sabiex tipprezenta r-risposta taghha, izda xortawahda naqqset illi taghmel dan ghat-tieni darba.

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2003 fejn l-konvenuta iddikjarat illi l-unika flus illi hija ghandha taghti lill-attur jirrigwardaw biss l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma ,izda mhux il-hlas tal-kera, u dana peress illi hija kienet tat pre-avviz lill-attur li hia kienet bi hsiebha titlaq minn dan il-post u ghalhekk hija ma kenixt qed tokkupa il-fond ghal perijodu illi l-attur qieghed jitlob il-hlas tal-kera.

Sema' x-xhieda ta'l-attur  li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti u cioe' id-Dokumenti RM1 sa RM5 u senjatament id-Dokumenti RM1 fejn  l-konvenuta accettat illi hija kellha thallas lill-attur is-somma ta' Lm435.02.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u zewg centezmi (Lm435.02), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------